MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Talba Numru. 123/2013

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Anthony TANTI [ID. Nru. 697556(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-4 ta' Marzu, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn tlett mija hamsa u sebghin euro u tlettax-il ċenteżmu ta' euro [€2,375.13c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tlett mija hamsa u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€2375.13) in konnessjoni ma' servizz telefoniku 21419373 u servizz ta' televisjoni 1422049079 (AC10187959 – CN 1003417).

Illi dawn is-servizzi gew ikkuntrattati mis-Sinjura Francine Tanti llum deceduta. Illi jirrizulta li inti u s-Sinjura Tanti zzewigtu f'Malta nhar is-6 ta' Lulju 1985. Illi jirrizulta wkoll li s-Sinjura Tanti mietet minghajr ma halliet testament u li ghalhekk japplikaw il-provedimenti legali fir-rigward tal-eredita taghha.

Illi senjatament issir riferenza ghall-artikli 1316, 789 u 808 tal-Kodici Civili.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax sa mill-24 ta' Gunju 2011 data tal-ittra ufficjali 2235/11 u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-imsemmija ittra ufficjali 2235/11".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fl-14 ta' Marzu, 2013 skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta' April, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-10 ta' April, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ezamina l-atti esebiti inkluż ir-ricerki testamanetarji u jaqbel ma' dak premess mis-socjeta rikorrenti fit-Talba tieghu;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn tlett mija hamsa u sebghin euro u tlettax-il ċenteżmu ta' euro [€2,375.13c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------